# IL-MILIED IT-TAJJEB

*Ta'* G. Borg Pantalleresco

*Lill-Kav. Prof. Dr. G. Galea*
*u lill-familja tiegħu.*

Dal-jiem sbieħ
tal-Milied
ifakkruni fit-tbissima ħelwa
li biha
ommi kienet tilqagħni
meta kont immur ħdejha;
biex,
bħal fi tfuliti;
f'Jum il-Milied,
inbusha fuq ħaddejha
u nisma' mill-ġdid
'il qalbha
tħabbat ma' tiegħi.

Fil-għomor
fuq ebda fomm ieħor
ma sibt tbissima bħalha;
għax minn qalbha
kienet tasal fuq xofftejha,
safja
bħad-dmugħ ta' għajnejha.

Dik it-tbissima
kienet ir-rifless ta' qalb ħanina,
li kienet tistenna 'l binha;
biex, mal-festi t-tajba
tixtieqlu wkoll fuq il-mejda
il-ħobż u x-xema',
u fl-irwiefen tal-ħajja
l-għajnuna tas-Sema
Lilek Dr. Giuseppe,
u lid-distinta familja
nixteqilkom *dak kollu*,
li f'dal jiem sbieħ
tal-Milied,...
ommi kienet tawgurali...

bi tbissima ħelwa fuq xofftejha
safja bħad-dmugħ
ir rajt jieqaf fuq għajnejha,
meta għall-aħħar darba
ħallejt *bewsa ta' gratitudini*
fuq ħaddejha.